MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 510/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**William Mercieca**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra William Mercieca talli matul il-jum tas-26 ta' Frar 2010 gewwa l-Belt Valletta u Floriana b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Keith Muscat detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru

352075M bhala sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAU 901;

(2) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Alfred Aquilina detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 253844M bhala sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LQZ 107;

(3) fl-istess data u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' ghodda ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Keith Muscat detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 352075M bhala sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAU 901;

(4) fl-istess data u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' oggetti ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Alfred Aquilina detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 253844M bhala sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAQ 107;

(5) fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara ghodda li l-valur taghha ma jeccedix il-valur ta' €232.94 liema ghodda kienet misruqa, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat;

(6) b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Novembru 2010 fejn dik il-Qorti ddikjarat li kienet il-fehma taghha "li gie pruvat is-serq fir-rigward il-vettura HAU-901 riferenti l-ewwel akkuza, konsegwentement huma pruvati wkoll it-tieni u t-tielet akkuzi. Hi pruvata wkoll ir-recidiva skond l-Artikolu 289 tal-Kap. 9 kif evidenzjat mis-sentenzi esebiti u l-fedina penali bl-estremi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 287 tac-citat Kap. Li ghalkemm mhux dedott mill-Avukat Generali huwa reat minuri u involut fl-akkuzi riportati

kontra l-akkuzat. Issibu ghalhekk hati kif jinghad u tilliberah mill-bqija.” Wara li dik il-Qorti rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 278(1)(2), 325(b), 17(b)(h), 31, 287, 289, 49 u 50 tal-Kap., ikkundannatu tliet snin prigunerija bi tnaqqis taz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi William Mercieca pprezentat fid-29 ta’ Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti “tirriforma s-sentenza msemmija fid-dawl tas-suespost”;

**4.** Rat l-eccezzjoni sollevata mill-prosekuzzjoni fis-seduta ta’ l-20 ta’ Lulju 2011 tan-nullita` tar-rikors ta’ appell stante li t-talba mhijiex konformi mal-ligi peress illi l-appellant gie lliberat minn xi imputazzjonijiet u misjub hati f’ohrajn;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** B’referenza ghall-eccezzjoni tal-prosekuzzjoni, id-difiza ssottomettiet illi kemm-il darba din il-Qorti tirravviza xi difett fir-rikors ta’ appell, ghandha taghti l-fakolta` lill-appellant li jitlob korrezzjoni fl-istess rikors.

**7.** Dwar il-kwistjoni ta’ korrezzjonijiet li jistghu jsiru a bazi ta’ l-artikolu 175 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri penali bl-artikolu 520(1)(c) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti diga` ppronunzjat ruhha. Hekk, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Cauchi et** deciz fil-25 ta’ Awissu 2008 intqal testwalment:

**“Din it-talba kjarament ma tistax tintlaqa’. Hawn ghandna rikors – dak ta’ l-14 ta’ Novembru 2007 – li huwa null *ex lege* u tali nullita` (li tajjeb li wiehed jghid hi materja ta’ ordni pubbliku tant li tista’ tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*) ma tistax tigi raggirata bl-espedjent ta’ korrezzjoni fl-att in kwistjoni. Dak li hu null ma jistax jigi ravvivat billi jigi nvokat l-artikolu 175**

**imsemmi. L-appellanti setghu, kieku riedu u qabel ma ddekorra t-terminu li fih kellhom jipprezentaw l-appell taghhom, jissostitwixxu r-rikors originali b'wiehed li jkun konformi ma' l-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali. Dan ma ghamluhx u ghalhekk it-talba maghmula bir-rikors tat-8 ta' Frar 2008 ser ikollha necessarjament tigi michuda."**

**8.** Issa, fil-gurisprudenza taghna gie ritenut kemm-il darba illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' imputazzjoni wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[1]. Fil-kaz in ezami l-appellant ma uzax din "il-formola ritwali" izda talab li din il-Qorti "tirriforma" s-sentenza appellata "fid-dawl tas-suespost", cioe` fid-dawl ta' l-aggravji li jindikaw minn liema imputazzjonijiet isostni li kellu wkoll jigi lliberat. Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tosserva li ghandha tinghata ferm aktar attenzjoni fil-mod kif jigu redatti r-rikorsi ta' appell sabiex jigu evitati nullitajiet, f'dan il-kaz ser tqis li r-rikors ta' appell fih il-minimu biex jissodisfa r-rekwizit kontemplat fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ser tghaddi biex tikkunsidra l-appell fil-mertu.

**9.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li huwa wettaq hsara ghad-detriment ta' Keith Muscat (l-ewwel imputazzjoni); (2) li ma ngabet l-ebda prova li huwa kien wettaq serq ghad-detriment ta' Keith Muscat (it-tielet imputazzjoni); (3) li ma setax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni meta l-ewwel Qorti qalet li "l-prova rigwardanti l-isgass u konsegwenti serq ta' l-istereo huma dawk li huma u ma jorbtux l-akkuzat ma' dan is-serq".

---

[1] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003; **Il-Pulizija v. Joseph Gauci**, 27 ta' Marzu 2009.

**10.** B'referenza ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet l-appellant isostni illi l-unika prova li gabet il-prosekuzzjoni kienet illi nstabet fuqu l-ghodda li kienet fil-karozza ta' Keith Muscat, u semmai kellu jinstab hati ta' ricettazzjoni. Din il-Qorti ezaminat il-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

**11.** Il-fatti rizultanti huma s-segwenti: Fis-26 ta' Frar 2010 ghall-habta tas-6.30 p.m. P.C. 418 John Rapinett kien ghaddej minn South Street,Valletta, u ra lill-appellant miexi b'pass mghaggel fid-direzzjoni tieghu u kellu baskett f'idejh. Mexa warajh sa City Gate, cempel l-ghassa tal-Belt u gew Pulizija ohra li marru jfittxu lill-appellant. P.S. 697 Nigel Apap xehed li huwa kien irrisponda t-telefonata ta' P.C. 418 John Rapinett u hargu hu, P.C. 1098 u P.C. 126 ifittxu lill-appellant li dak iz-zmien kien imfittex mill-Pulizija. Meta sabuh, P.C. 1098 Anthony Scerri jghid li kien ghall-habta tat-7.45 p.m. f'Putirjal waqt li kien qieghed jixtri minn kiosk, kellu baskett. Gie arrestat u mehud l-ghassa. Sabulu trabixu, turnavit u ghodda *multi-purpose*. Keith Muscat, id-derubat, xehed illi fis-26 ta' Frar 2010 kien ipparkja l-vettura tieghu HAU-901 fi Triq Sarria, Floriana, fis-7.00 a.m. u rritorna ghaliha ghall-habta tas-6.45 p.m. meta spicca mix-xoghol. Huwa osserva li l-*quarter window* kienet miksura u kien hemm nieqes turnavit u trabixu (dawn ta' "ftit flus") u *Swiss knife* tal-valur ta' xi tletin euro. Dawn l-oggetti huwa identifikahom l-ghassa. Il-hsara tal-*quarter window* kienet tammonta ghal sittin euro.

**12.** L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti u qal li huwa kien gie arrestat f'zewg okkazjonijiet. Fl-ewwel okkazjoni kellu minghalih trabixu u fit-tieni okkazjoni turnavit u *multiple player*. It-trabixu qal li kien xtrah filghodu minn Bieb il-Belt, it-turnavit kien tahulu certu Jeffrey u l-*multiple player* xtrah minn Bieb il-Belt ukoll, mill-istess post mnejn kien xtara t-trabixu. Ghalihom hallas hames euro. L-ewwel Qorti, li kellha l-opportunita` tisma' u tara x-xhieda, u allura li tevalwa "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt

jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), ma qisitx l-ispjegazzjoni ta' l-appellant "kredibbli u lanqas verosimili".

**13.** Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni fic-cirkostanzi li tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. L-oggetti misruqa nstabu fil-pussess ta' l-appellant. Instabu, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, f'okkazjoni wahda. Kienu nsterqu mill-karozza ta' Keith Muscat fl-istess gurnata li nstabu fil-pussess ta' l-appellant. Dwar is-*Swiss knife* ma jaghti l-ebda spjegazzjoni. Tajjeb ghalhekk li ssir referenza ghat-teorija Ingliza *of unlawful possession of recently stolen goods*. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et**, 26 ta' Awissu 1998), it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *law of evidence* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

**14.** F'dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice** (1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from **<u>Cross on Evidence</u>**, 5th ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): 'if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief <u>or else guilty of dishonestly</u>*

*<u>handling the goods, knowing or believing them to have been stolen</u>….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts …. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* [2]

Fil-kaz in ezami, galadarba l-ewwel Qorti qieset – u din il-Qorti ma ssibx illi ghandha tikkonkludi diversament – li l-appellant ma tax *a credible explanation* kif l-oggetti misruqa gew fil-pussess tieghu, l-ewwel zewg aggravji qeghdin jigu michuda.

**15.** Kwantu ghat-tielet aggravju, l-appellant ghandu ragun. Permezz tat-tieni imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li ghamel hsara fil-vettura LQZ-107. L-ewwel Qorti, fil-*considerandi* taghha, qalet li l-provi ma jorbtux lill-appellant ma' l-isgass u serq minn dik il-vettura. Kwindi ma setghetx issibu hati li ghamel hsara volontarja fil-vettura LQZ-107.

**16.** Ghal dik li hija piena, evidentement irid ikun hemm temperament peress illi l-appellant se jigi dikjarat mhux

[2] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Richard Spiteri**, 31 ta' Awissu 2006 u **Il-Pulizija v. Antoine Cassar, 16 ta' Novembru 2006.**

htai tat-tieni imputazzjoni. Inoltre hemm l-assorbiment ta' l-ewwel imputazzjoni fit-tielet imputazzjoni. Mill-banda l-ohra jrid jitqies li l-appellant, kif jirrizulta almenu *prima facie* mill-fedina penali aggornata tieghu, huwa pluri-recidiv u ghalhekk il-piena trid tibqa' wahda adegwatament harxa.

**17.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tiddikjara l-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannatu tliet snin prigunerija u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u sitt xhur, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------